# Is-Sorijiet fil-Parroċċa tagħna

## 70 SENA TA' TALB U TA' ĦIDMA FOSTNA (1932-2002)



**Ir-rutina ta' kuljum għandha ħabta kif iddarrina b'dak kollu li għandna madwarna, hekk li xi drabi, jekk mhux ta' spiss, tnessina dawk il-valuri u t-teżori sbieħ li Alla għoġbu jagħtina u li minnhom gawdejna u għadna ngawdu ħafna u bis-sħiħ. Wieħed minn dawn it-teżori hija l-preżenza fostna tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għal dawn l-aħħar 70 sena.**

Din l-Ordni tas-Sorijiet kienet twaqqfet minn Dun Ġużepp Debono, qassis mir-Rabat, Għawdex, li għex bejn l-1847 u l-1924, meta ta bidu għat-twaqqif ta' din il-komunità fil-15 ta' Awissu 1880. Għall-ewwel kienet tissejjaħ *Is-Sorijiet ta' l-Istilla* u s-*Sorijiet tal-Bambini* u 'l quddiem ħadet l-isem kif nafuha llum. Madre Margerita (mwielda Virginia) De Brincat, minn Kerċem, kienet minn ta' l-ewwel li saret "Stilla tal-Qalb ta' Ġesù," fit-8 ta' Diċembru 1877.

**L-iskop ewlieni** tal-Kongregazzjoni kien l-edukazzjoni tal-bniet l-iktar foqra, dejjem jiġġerrew mat-toroq esposti għal elf periklu; is-sorijiet kienu jitħabtu biex jiġbruhom, iżommuhom jaħdmu taħt il-ħarsien tagħhom u jagħtuhom tagħlim ħafif li jaqbel mal-qagħda tagħhom.

**It-tieni skop** kien li sakemm possibbli, ikunu lesti jagħmlu kwalunkwè opra oħra ta' karità li jagħtuhom is-superjuri tagħhom.

**It-tielet skop** kien li b'kull mezz possibbli jxerrdu d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù permezz ta' l-għaqda magħrufa **Il-Kuruna tat-Tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù**, li tibqa' taħt il-ħarsien tagħhom.

Illum din l-Ordni tinsab imxerrda fil-ħames kontinenti tad-dinja u l-ġid kbir li għamlet jafu biss Alla li mexxieha.

MINN PAWLU AQUILINA

Kien għalhekk li l-Kappillan tas-Siġġiewi Dun Franġisk Bonanno (1922-33) talab lill-Madre Ġenerali ta' dak iż-żmien, Sor Nazarena Gouder biex tibgħat xi sorijiet ħalli jiftħu Dar hawnhekk, fejn ikunu jistgħu **jgħallmu d-Duttrina Nisranija, jiftħu skola għaż-żgħar u jgħallmu xi xogħlijiet lix-xebbiet tal-Parroċċa**.

Is-Sorijiet ġew is-Siġġiewi fil-31 ta' Marzu 1932, fid-dar numru 20 fi Triq San Nikola, qrib il-knisja, wara li sidt din id-dar, ċerta Antonia, ħalliet il-mobbli tagħha lis-sorijiet, basta dawn iwettqu t-testment sa 4 xhur. Il-Kappillan Bonanno, biex jagħmlilhom kuraġġ, indaħal hu biex iħallas il-kera tad-dar ta' Antonia u b'hekk il-Kunsill Ġenerali tal-Kongregazzjoni aċċetta li tibda komunità ġdida fis-Siġġiewi.

Sadanittant is-sinjura Adelaide (Dajdi) Farrugia kienet ħalliet lill-Kongregazzjoni d-dar tagħha – illum numru 114 fi Triq il-Kbira – iżda ħalliet użufruttorja lis-Sinjorina Katerina Farrugia. Ġara li, sentejn wara, fl-1934 din Katerina mardet b'għajnejha, għamlet operazzjoni, imma fl-istat li kienet ma setgħetx tibqa' tgħix waħedha u għalhekk talbet lis-sorijiet jinżlu mid-dar fejn kienu u jmorru jgħixu fid-dar tagħha. Is-sorijiet

aċċettaw bil-qalb u waqt li Katerina żammet żewġ kmamar għaliha, ħalliet il-bqija għad-dispożizzjoni tas-sorijiet. B'hekk, is-Sorijiet niżlu f'din id-dar fl-1934, fejn għadhom sal-lum.

Għalkemm il-komunità tas-sorijiet fil-parroċċa qatt ma kienet kbira, fi żmien il-gwerra laqgħet fiha bħala refuġjati ħafna sorijiet minn diversi kunventi Franġiskani.

Fost il-ħidmiet tagħhom kienu jgħallmu l-Katekiżmu fl-Oratorju biex iħejju t-tfal għall-ewwel tqarbina, jgħallmu lill-kbar u kienu jagħtu servizz ta' għajnuna lil min ikun fil-bżonn, l-aktar lill-morda fid-djar u waqt il-mewt u l-funerali. Kienu jagħtu rikreazzjoni onesta lit-tfal bniet, anki permezz ta' reċti tat-teatrin fid-Dar stess, jew fis-sajf, fil-bitħa kbira tal-Palazz ta' l-Għasajfar, li hemm quddiem l-istess Dar tagħhom. Il-Milied kienu jiċċelebrawh ukoll fil-kappella tad-Dar. Għalhekk nibtu għadd ta' vokazzjonijiet reliġjużi fost it-tfajliet Siġġiwin, l-aktar fil-Kongregazzjoni Franġiskana.

Din hija l-unika Dar fis-Siġġiewi li żżomm fiha lil Ġesù fl-Ewkaristija fil-kappella ħelwa tagħha. Fi tfuliti kont nisma' ta' kuljum il-quddiesa tas-6.00am li Dun Anton Vella kien iqaddes lis-sorijiet u lilna l-Aspiranti ta' l-Azzjoni Kattolika. Nistgħu tassew ngħidu li din hija d-Dar fejn jgħammar Alla.

Biex insiru nafu aħjar il-ħidmiet li jwettqu s-sorijiet illum fil-parroċċa, għamilt xi mistoqsijiet lill-Madre Sor Theodorica Sammut, li hija wkoll mis-Siġġiewi.

**M: L-ewwelnett nifirħilkom f'għeluq is-70 sena ta' ħidma f'Is-Siġġiewi. kemm tgħodd illum il-Komunità?**

T: Fil-Komunità tagħna qegħdin 5 sorijiet.

**M: Kif tibdewha l-ġurnata fid-Dar?**

T: Il-ġurnata tibda fis-6.00am meta nqumu biex fis-6.20am niltaqgħu fil-kappella fejn ngħidu t-"Tifħir ta' Sbiħ il-Jum" mill-Uffiċju Divin, nagħmlu l-meditazzjoni u ngħidu xi talb ieħor. Wara mmorru l-parroċċa għal quddiesa tas-7.00am.

**M: Sa minn tfuliti nafkom tgħallmu l-iskola lit-tfal żgħar, illum insejħulhom tal-Kinder; x'tgħidilna dwar dan?**

T: Sa mill-bidu tal-komunità fis-Siġġiewi, konna ngħallmu lit-tfal żgħar. Illum għandna klassi ta' 3 snin u oħra ta' 4 snin (*pre-grade*). It-tfal jiġu għandna minn postijiet differenti skond kif ikunu telgħu bil-polza nazzjonali. Matul is-sena jkollhom ukoll ħafna attivitajiet, speċjalment fil-Milied, f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier. Bil-għajnuna tal-*Parent Teacher Association* (P.T.A.) noħorġuhom darba fix-xahar, fejn it-tfal jieħdu gost ħafna.

**M: X'edukazzjoni oħra tagħtu lill-adulti, l-aktar fil-qasam spiritwali? Isiru laqgħat ta' formazzjoni u ta' spiritwalità għat-tfajliet tal-parroċċa?**

T: Darba fix-xahar, it-tfajliet ikollhom seminar u anki xi ġurnata rtir f'postijiet differenti, mas-sorijiet tagħna stess. Illaqqgħuhom mal-*promoters* tal-vokazzjonijiet (l-*Equipe* vokazzjonali), jiltaqgħu ma' tfajliet oħra minn Malta kollha u jkollhom ukoll rikreazzjoni flimkien. Dan kollu jgħinhom ħafna biex jiffurmaw karattru tajjeb hekk li 'l quddiem ikunu jistgħu jagħmlu għażla tajba ta' l-istat tagħhom.

**M: Għandkom kappella tassew sabiħa u tiġbdek: kuljum bis-sagrament fiha? Kull meta ssir ċelebrazzjoni ewkaristika?**

T: Iva, Ġesù huwa dejjem preżenti fit-tabernaklu tal-kappella tagħna. Darba fil-ġimgħa jkollna ċelebrazzjoni ewkarsitika minn Mons. Lawrence Mifsud u kull nhar ta' Ħamis ikollha siegħa adorazzjoni komunitarja. Fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù jkollna nofs ta' nhar adorazzjoni miftuħa wkoll għan-nies tal-Parroċċa, b'riparazzjoni għall-offiżi li jirċievi Ġesù Sagramentat.

**M: Ifittxukom xejn in-nies għal pariri u għajnuniet oħra?**

T: In-nies għandhom fiduċja kbira fis-sorijiet: jgħidulna biex nitolbu għalihom, jiġu jiftħu qalbhom magħna u anki jitolbuna xi pariri.

**M: Kif nafu lkoll, illum il-vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża naqsu ħafna f'kull kongregazzjoni. X'taħseb li huma r-raġunijiet ta' dan in-nuqqas?**

T: Illum il-familji m'għadhomx numerużi bħal qabel meta kien ikollhom ħafna tfal u xi wieħed jew waħda minn uliedhom kienu jħaddnu stat reliġjuż; ukoll hawn ħafna gruppi ta' Talb; żgħażagħ oħra jmorru jaħdmu fil-missjoni u jħossuhom sodisfatti imma ma jħossuhomx lesti li jintrabtu għal ħajjithom mal-Mulej bil-voti mqaddsa. Terġa', llum id-dinja tiġbidhom b'ħafna affarijiet u jippreferu jibqgħu liberi.

**M: Taħseb li l-Komunità għadha tħobb u trid lis-sorijiet fil-parroċċa?**

T: Aħna ċerti li l-komunità tas-Siġġiewi tridhom lis-sorijiet għax iħossu ħafna fiduċja fina. Dan jidher mill-istrina kbira li għandhom lejna.

**Grazzi, Madre Theodorica, u grazzi wkoll lis-sorijiet kollha tal-komunità Franġiskana li ħadmu fil-parroċċa tagħna matul dawn is-sebgħin sena. Huma ħafna, jiena fosthom, li daqu mill-ġid spiritwali li Alla għoġbu jagħtina permezz tagħkom. Mill-kappella tad-Dar tagħkom, Ġesù Ewkaristija jibqa' żgur ixerred il-barka tiegħu fuq il-familji u l-parroċċa tagħna li tgħożżu fostna. Ad Multos Annos!**

**PAWLU AQUILINA**

**RIFERENZI:**

"DUN ĠUŻEPP DIACONO, Fundatur tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù" ta' Joseph Bezzina.
"IS-SIĠĠIEWI," Vol. 4, Nru. 3; Diċembru 1980: Siġġiewi Album Nru 15: "Id-Dar tas-Sorijiet", ta' a.d.j.c.
Kitba u esperjenzi personali ta' l-awtur.



*Grupp ta' xebbiet li gawdew mit-tagħlim tas-Sorijiet fis-snin tletin (1937)*